MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 645/2007

**George Tonna.**

**vs**

**Peter Tonna, Joseph Tonna, Anthony Tonna, Simon Tonna, Maria Stella Tonna, Elizabeth Fenech nee` Tonna u Monique Zammit nee` Tonna.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' George Tonna datata 14 ta' Gunju 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet **George Tonna v. H & G Tonna partnership *en nom collectif*** deciza mill-Prim' Awla tal-Qrati Civili fil-31 ta' Mejju 2005 is-socjeta` konvenuta kienet ikkundanata thallas lill-esponenti sitt

elef, hames mija u sitta u tmenin liri Maltin (Lm6,586 = €15,341.25) flimkien ma l-imghax u l-ispejjez legali.

Illi wara li nhargu l-mandati opportuni rrizulta li s-socjeta` H & G Tonna ma setghetx taghmel tajjeb ghal dan id-dejn.

Illi *ai termini* ta' l-**artikolu 7 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, is-socjetajiet f'isem kollettiv ghandhom l-obbligazzjonijiet taghhom garantiti bir-responsabbilta` illimitata u *in solidum* tas-socji taghha.

Illi s-socji tas-socjeta` H & G Tonna huma l-esponenti u huh Henry Tonna, illum mejjet.

Illi Henry tonna ntwiret mill-konvenuti wliedu.

Illi wara illi huma gew interpellati permezz ta' ittra datata 19 ta' April 2006 sabiex jaghmlu tajjeb ghas-sehem tad-dejn tal-kumpanija li kien jinkombi fuq missierhom huma baqghu inadempjenti.

Illi d-debitu dovut lill-esponenti huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk ghandu japplika l-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanhom ihallsu s-somma ta' tliet elef, mitejn u tlieta u disghin lira Maltin (Lm3,293) rapprezentanti nofs is-somma kononizzata fis-sentenza fl-ismijiet **George Tonna v. H & G Tonna partnership *en nom collectif***, u dan bid-dispensa tas-smigh tax-xhieda *a tenur* tal-**Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**;

Bl-imghaxijiet legali li ghandhom jiddekoru mill-4 ta' Lulju 2000, u bl-ispejjez, komprizi n-nofs ta' dawk abbinati ma' l-imsemmija decizjoni u mal-hrug tal-Mandat ta' Qbid datat 24 ta' Ottubru 2006, kollha kontra l-konvenuti ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tad-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok "GT1" sa Dok. "GT4" kif jidher a fol. 3 sa fol. 13 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Gunju 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Peter Tonna, Joseph Tonna, Anthoy Tonna, Simon Tonna, Maria Stella Tonna, Elizabeth Fenech nee` Tonna u Monique Zammit nee` Tonna datata 13 ta' Lulju 2007 a fol. 20 tal-process fejn esponew illi:-

1. L-inkompetenza "*ratione materiae*" ta' din l-Onorabbli Qorti stanti li skond l-**artikolu 47 (i) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** hija l-Qorti tal-Magistrati (Malta) li tista' tisma' u tiddeciedi l-pretenzjonijiet kollha li ma jeccedux l-ammont ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000 = €11,646.87).

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, permezz tal-mandat ta' qbid numru 1576/06/JB li kopja tieghu hija annessa mar-rikors odjern, gew maqbuda diversi oggetti li jappartejnu lil Peter Tonna personalment u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-esponenti Peter Tonna kien gibed l-attenzjoni tal-Marixxall li esegwixxa dan il-mandat b' dan il-fatt, u ndikalu bosta oggetti li jappartjenu lid-ditta H & G Tonna fil-fond fejn gie ezegwit il-mandat u cioe` 205B, Old Bakery Street, Valleta, pero` l-istess Marixxall naqas milli jelenka tali oggetti;

4. Illi tezisti merkanzija ulterjuri li tappartjeni lid-ditta H & G Tonna f'imhazen ohrajn u cioe` fil-fond li jgib in-numru 24, East Street, Valletta, fil-fond li jgib in-numru 208, Triq l-Ifran Valletta, u fil-fond li jgib in-numru 117, Guze` Pace Street, Hamrun izda skond kif ser jirrizulta mill-provi, l-ebda mandat ta' qbid ma gie ezegwit f 'dawn il-fondi;

5. Illi ghalhekk jirrizulta li l-proprjeta` tad-ditta H & G Tonna ma gietx diskussa, b' konsegwenza li ma jezistux ir-rekwisiti stabbilit fl-**artikolu 7 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jehtieg li qabel ma tittiehed azzjoni kontra s-socji ndividwali tas-socjeta` f' isem kollettiv in virtu` tal-garanzija *in sodium* taghhom trid issir tali diskussjoni;

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm bzonn.

Ir-rikorrenti huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.

Ghal kull *buon fini* l-intimati li ghad ma gewx notifikati bir-rikors odjern qed jaghtu ruhhom b' notifikati.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 21 tal-process.

Rat ir-rikors ta' George Tonna datata 8 ta' Frar 2008 a fol. 26 tal-process fejn l-esponent talab lill-Qorti sabiex issir korrezzjoni fir-rikors guramentat fis-sens illi tigi korretta d-data tal-31 ta' Mejju 2005 u minflokha tigi ndikata d-data tal-4 ta' Lulju 2000 bhala data li minnha bdew jiddekorru l-imghaxijiet.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Rachael Bonello rrimettiet ruhha ghat-talba tal-korrezzjoni u rtirat l-oggezzjoni taghha permezz tar-risposta tal-20 ta' Frar 2008. *In vista* ta' dan il-Qorti ordnat il-korrezzjoni rikjesta fir-rikors tat-8 ta' Frar 2008, b'dan li t-talba ghall-imghax datata 31 ta' Mejju 2005 tigi sostitwita bid-data tal-4 ta' Lulju 2000. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghal decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghall-15 ta' Ottubru 2008.

Illi din il-kawza giet differita ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li ecceppew l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *rationae valoris* peress li l-ammont rikjest ma’ jeccedix l-ammont ta’ Lm5,000 = €11,646.87 skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 (i) tal-Kap 12,** stante li tali kawzi huma kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta.

Illi din il-kawza ssegwi decizjoni datata 31 ta’ Mejju 2005 fl-ismijiet **“George Tonna v. H & G Tonna partnership *en nom collectif*”** (P.A. (GCD) – Citaz. Nru.752/2004) fejn is-socjeta’ konvenuta giet ikkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ Lm6,586 flimkien mal-imghax fuq is-somma ta’ Lm3,214.44 mill-4 ta’ Lulju 2000 sa’ meta jsir il-hlas.

Illi is-soci tal-istess socjeta’ huma l-attur odjern u Henry Tonna, li miet u l-eredi tieghu huma l-intimati odjerni – u bl-azzjoni odjerni l-attur qed ifittex li jithallas minghand l-intimati nofs l-ammont kannonizzat b’dik is-sentenza bl-imghax imsemmi skond l-istess sentenza mill-4 ta’ Lulju 2000. B’hekk is-sorte ta’ din il-kawza huwa intimament konness mas-sorte tal-kawza citata, u dak li l-attur qed ifittex illum kontra l-konvenuti odjerni huwa proprju nofs l-ammont kannonizzat b’dik is-sentenza.

Illi nofs l-ammont kannonizzat huwa Lm3,293, u l-imghax kannonizzat b’dik l-istess sentenza mill-4 ta’ Lulju 2000 kien biss fuq l-ammont ta’ Lm3,214.44, u ghall-kawza odjerna dan ifisser li l-imghax ghandu jigi kkalkulat fuq l-ammont ta’ Lm1,607.22 (nofs l-istess ammont) u b’hekk mill-4 ta’ Lulju 2000 sal-14 ta’ Gunju 2007 l-imghax jammonta ghal Lm900. Dan huwa proprju kif gie ikkalkolat l-imghax anke permezz tal-Mandat ta’ Qbid Numru

1576/06/JBipprezentat mill-attur kontra l-istess socjeta' msemmija (fol.8).

Illi dan ifisser li anke jekk wiehed jiehu l-kapital flimkien mal-imghax, bl-applikazzjoni tal-**artikolu 760 tal-Kap 12,** (**"N. Calleja Trading Limited vs Philip Giordmaina"** – P.A. (GCD – 4.11.2004), ikkalkolat mid-data tal-4 ta' Lulju 2000 sad-data tal-prezentata ta' din il-kawza, (anke jekk ghall grazzja tal-argument qed jigi koncess li l-imghax jista' jintalab minn dik id-data anke kontra l-intimati odjerna li ma kienux involuti f'dik il-kawza – haga li hija dubja u kontestata), l-ammont li effettivament qed jintalab kontra l-intimati odjerni, bhala eredi tal-mejjet Henry Tonna, u dan bhala sehmu ta' nofs bhala socju tal-istess socjeta' *en nom collectif* u dan skond l-obbligazzjoni tas-socji skond l-**artikolu 7 tal-Kap 386**, jista' jwassal biss ghas-somma ta' Lm3,293 flimkien mal-ammont ta' Lm900, li jammontaw ghall-Lm4,193. Dan ghaliex il-kawza odjerna hija bbazata proprju fuq nofs l-ammont kannonizzat permezz tas-sentenza citata tal-31 ta' Mejju 2005, u allura la darba dan l-ammont huwa inqas minn dak indikat fl-**artikolu 47 (i) tal-Kap 12,** din il-Qorti ma hijiex kompetenti *rationae valoris* u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimati qed tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tiddikjara l-inkompetenza ta' din il-Qorti *"rationae valoris".*

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------